

SEJĦA GĦAL APPLIKAZZJONIJIET

Dalwaqt ser tkun vakanti l-pożizzjoni ta' Direttur tal-Protokoll u tal-Informazzjoni (Grad AD 14 jew AD 15) mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Din il-pożizzjoni ser timtela skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

NATURA TAL-FUNZJONIJIET

Taħt l-awtorità tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-persuna li tidħol f'din il-pożizzjoni hija responsabbli għat-tmexxija tad-Direttorat tal-Protokoll u tal-Informazzjoni u għall-organizzazzjoni u għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet tiegħu.

Id-Direttorat tal-Protokoll u tal-Informazzjoni huwa responsabbli għar-relazzjonijiet esterni tal-Qorti tal-Ġustizzja, u għaldaqstant għall-organizzazzjoni tal-avvenimenti u attivitajiet ta' rappreżentanza, ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni tal-istituzzjoni, fosthom iċ-ċerimonji, iż-żjarat uffiċjali, is-seminars u ż-żjarat ta' studju, is-sessjonijiet ta' informazzjoni, kif ukoll ir-relazzjonijiet mal-media u mal-pubbliku. Id-Direttorat tal-Protokoll u tal-Informazzjoni huwa kompost minn tliet unitajiet (Protokoll, Żjarat, Stampa u Informazzjoni), kif ukoll minn sezzjoni "xogħlijiet tal-arti" u sezzjoni finanzjarja.

Id-Direttur tal-Protokoll u tal-Informazzjoni huwa mitlub jeżerċita l-funzjonijiet ta' Kap tal-Protokoll tal-Qorti tal-Ġustizzja. Taħt tali titolu, huwa jikkontrolla l-organizzazzjoni taż-żjarat uffiċjali tal-personalitajiet fl-ogħla karigi, taż-żjarat uffiċjali tal-Qorti tal-Ġustizzja barra mill-pajjiż u tal-organizzazzjoni ta' udjenzi solenni u ta' avvenimenti uffiċjali oħra, fosthom is-seminars organizzati mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-membri tal-ġudikatura nazzjonali.

Huwa responsabbli wkoll għall-Unità Żjarat, li hija inkarigata bl-organizzazzjoni taż-żjarat ta' studju u ta' informazzjoni (madwar 15 000 viżitatur fis-sena).

Fir-rigward tal-Unità Stampa u Informazzjoni, id-Direttur huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-komunikazzjoni interna u esterna tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-organizzazzjoni tal-avvenimenti maħsuba għall-pubbliku ġenerali, bħalma huwa l-"Bibien miftuħa", u għall-ġestjoni tat-talbiet miċ-ċittadini għal aċċess għad-dokumenti amministrattivi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Id-Direttur huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-kollezzjoni ta' xogħlijiet ta' arti tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Id-Direttur tal-Protokoll u tal-Informazzjoni għandha jagħti attenzjoni partikolari għall-ġestjoni tajba tal-persunal fid-direttorat tiegħu; b'mod partikolari, huwa għandu jippromwovi l-motivazzjoni, it-taħriġ u l-adattament tal-imsemmi persunal għall-bżonnijiet tas-servizz. Huwa għandu wkoll jagħmel ħiltu biex itejjeb il-metodi ta' xogħol tad-direttorat u biex jagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi u mill-għodda għad-dispożizzjoni

tiegħu. Fl-aħħar nett, fil-kwalità tiegħu bħala uffiċjal suddelegat ta' awtorizzazzjoni, huwa għandu jiżgura l-ġestjoni tajba tal-fondi mqiegħda għad-dispożizzjoni tiegħu.

TITOLI U DIPLOMI MEĦTIEĠA

- edukazzjoni universitarja kompleta ċċertifikata b' diploma;
- għarfien fid-dettall u esperjenza professjonali solida fl-oqsma koperti mid-direttorat;
- kompetenza għad-direzzjoni ta' unità amministrattiva;
- għarfien tajjeb tal-Ingliż u tal-Franċiż.

PREŻENTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET

Il-persuni li huma interessati f'din il-pożizzjoni għandhom jibgħatu l-applikazzjoni tagħhom, bil-posta elettronika biss, lil :

DIR.PRO-INF@curia.europa.eu

sa mhux iktar tard mill-15.07.2013. Mal-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu curriculum vitae ddettaljata u dokumenti oħra li jistgħu jkunu utli.

Il-Lussemburgu, 14.05.2013